*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,819, 27 ta' Ottubru, 1993*
*Taqsima B*

**A.L. 142 ta' l-1993**

# ATT DWAR L-GĦAJNUNA FINANZJARJA LILL-INDUSTRIJI TAL-BIEDJA U TAS-SAJD (KAP. 146)

## Aktar Arranġamenti biex jipprovdu Għajnuna Finanzjarja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd, il-Ministru għall-Ikel, Agrikoltura u Sajd, bl-apporovazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, emenda l-Arranġamenti biex jipprovdu Għajnuna Finanzjarja pubblikati bl-Avviż Legali Nru. 83 ta' l-1981 tat-28 ta' Lulju, 1981 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Arranġamenti prinċipali") kif ġej:—

Jemenda l-paragrafu 1 ta' l-Arranġamenti prinċipali.

**1.** Minflok paragrafu 1 ta' l-Arranġamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Id-Direttur ta' l-Agrikoltura, rappreżentant ta' l-Avukat Ġenerali, rappreżentant tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, rappreżentant taċ-*Chairman* tal-Bord tal-Koperattivi, Assistent Kap fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u żewġ uffiċjali pubbliċi, wieħed li jkun qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu fil-Ministeru ta' l-Agrikoltura u wieħed fit-Taqsima ta' Għawdex tad-Dipartiment tal-Biedja, it-tnejn maħtura għal dan il-għan mill-Ministru responsabbli għall-agrikoltura, għandhom jiffurmaw Kummissjoni biex tikkonsidra applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjarja skond l-Att.

(2) Id-Direttur tal-Biedja għandu jkun iċ-*Chairman* tal-Kummissjoni u għandu jinnomina uffiċjal mid-Dipartiment tal-Biedja biex jaġħmilha ta' Segretarju tal-Kummissjoni.".

Jemenda l-paragrafu 5 ta' l-Arranġamenti prinċipali.

**2.** Fil-paragrafu 5 ta' l-Arranġamenti prinċipali, minflok il-kiem "għall-Agrikoltura u Sajd" għandhom jidħlu l-kliem "għall-agrikoltura".

Jemenda l-paragrafu 6 ta' l-Arranġamenti prinċipali.

**3.** Fil-paragrafu 6 ta' l-Arranġamenti prinċipali, minflok il-kliem "mid-Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd" għandhom jidħlu l-kliem "mid-Direttur tal-Agrikoltura" u minflok il-kliem "fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura" għandhom jidħlu l-kliem "fid-Dipartiment tal-Biedja".

Jemenda l-paragrafu 7 ta' l-Arranġamenti prinċipali.

**4.** Fil-paragrafu 7 ta' l-Arranġamenti prinċipali, minflok il-kliem "għall-Agrikoltura u Sajd" għandhom jidħlu il-kliem "għall-agrikoltura".